# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 5/24

22 t' Ottubru 2024

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru, 1897 fl-4 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Speranza Chircop | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Nadine Micallef | - Kunsilliera |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

Is-Sur Vincent Bongailas, Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Etienne Scicluna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa.

4.24.1 **Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

4.24.1.1 Is-Sur Vincent Bonagailas informa li ser ikun assenti minħabba li ser ikun imsiefer.

4.24.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

4.24.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 3.24 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

4.24.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni mis-Sa Speranza Chircop u sekondati mis-Sa Nadine Micallef il-minuti ta' seduta 3.24 ġew approvati unanimament.

4.24.2.3 Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

4.24.3 **Punti mill-Minuti Preċedenti**

3.24.4.1. **Sitwazzjoni Finanzjarja**

Is-Sindku spjega kif ġew id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali allokati l-fondi addizzjonali u minħabba li l-Kunsill Lokali kien f'*deficit* li ilu jakkumula għal ħafna snin. Għalhekk ġew iddentifikati dawk il-fornituri li kellhom numru ta' invoices b'lura u ġew mħallsa b'dawn il-fondi.

Fuq nota differenti, is-Sindku wera' tħassib tiegħu dwar l-invoices li r-Reġjun qiegħed jibgħat fuq il-ħlas tal-iskart li jikkonċerna t-tunnellaġ tal-boroż suwed. Filfrattemp, is-Sindku kien talab laqgħa b'urġenza mar-Reġjun fuq din il-materja. Huwa enfasiżża fuq il-fatt li hemm ċertu lokalitajiet li għandhom aktar popolazzjoni mill-Kalkara u li t-tunnellaġġ tal-iskart tagħhom huwa inqas minn dak tal-Kalkara. Apparti minn hekk, skont l-istess invoices, l-ammont ta' skart tal-borża s-sewda qiegħed dejjem jiżdied minkejja l-fatt li l-Kunsill għamel arranġamenti ma' Clean Malta biex il-boroż li jintefgħu fit-toroq illegalment jinġabru minn din l-Entita. Għalhekk in-numru ta' boroż suwed kellhom jonqsu.

Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni, is-Sa Sultana ipproponiet li l-pagamenti pendenti li hemm mar-Reġjun fuq il-ħlas tal-iskart, għandu jibqa' pendenti sakemm il-Kunsill ikollu s-serħan tal-moħħ fuq din il-kwistjoni.

Il-Kunsill Lokali unanimament qabel ma din il-proposta tas-Sa Sultana.

3.24.4.2 **Servizz ta' Trasport għar-Residenza ta' San Vinċenz De Paul**

Wara diskussjoni bejn il-Kunsill fil-laqgħa preċedenti, il-Kunsill qabel li s-servizz tat-trasport lejn ir-Residenza ta' San Vinċenz De Paul u lura għandu jibda' mill-ewwel ġimgħa t'Ottubru 2024, kull nhar ta' Tnejn.

4.24.4.2 **Il-Proġett fi Triq ix-Xewkija u ż-Żona tax-Xewkija, Kalkara**

Wara li l-Kunsill ikkonkluda l-għażliet tad-dgħajjes skont il-parametri stabiliti mill-istess Kunsill, il-Kunsill beda jalloka l-ispazji/kaxxi fiż-żona tax-Xewkija fejn intbagħtu l-ittri lil kull min issottometta l-interess tiegħu bid-deċiżjoni tal-Kunsill. Għalhekk dawk is-sidien tad-dgħajjes li ntlaqgħatilhom it-talba qed jiġu mitluba jiġu l-Kunsill u jimlew applikazzjoni li fiha tinkludi l-ħlas amministrattiv u garanzija. Ġew abbożżati termini u kundizzjonijiet għal kull persuna li ngħata spazju/kaxxa għad-dgħajsa tiegħu/tagħha.

Is-Sindku qal li fadal xi xogħolijiet oħra bħal servizzi ta' dawl, u nstallazzjoni ta' kameras.

Is-Sindku semma' li kellu jirrikorri għall-assistenza tal-pulizija minħabba li qed ikun intimidat u theddid.

Is-Sindku spjega illi f'dan l-istadju l-Kunsill kellu żewġ għażliet fuq is-sitwazzjoni taż-żona tax-Xewkija wara li jitlesta x-xogħol infrastrutturali. L-ewwel waħda hija li jħalli ż-żona mingħajr regolarizazzjoni u l-post jerġa' jispiċċa fi stat ta' abbandun kif kien qabel ma sar il-proġett jew li joġanizzah bl-għan li jibqa' miżmum fi stat tajjeb u għalhekk jkun jista' jitgawda minn kulħadd kemm mis-sidien tad-dgħajjes, mir-residenti Kalkariżi u kull minn jgħaddi minn din iż-żona. Għalhekk, b'rieda qawwija u determinazzjoni, il-Kunsill iddeċieda li jorganizza u jieħu ħsieb li jamministraha hekk kif spjegat fit-termini u kundizzjonijiet tal-applikazzjoni.

3.24.4.3 **WhatsApp Group għar-Residenti**

Is-Sindku ippropona li jinħoloq WhatsApp Group għar-residenti Kalkarizi fejn fih il-Kunsill ikun jista' jgħaddi nformazzjoni bħal avviżi lir-residenti meta jkun hemm xi xogħolijiet għaddejjin fil-lokalita` fosthom qtugħ ta' dawl u/jew ilma.

Il-Kunsill unanimament qabel mal-proposta tas-Sindku.

3.24.5.1 **Tender dwar iż-żamma tal-Ġonon u Soft Areas**

Is-Segretarju Eżekutiv aġġorna l-Kunsill dwar l-istadju tat-tender li jikkonċerna ż-żamma u t-tindif tal-ġonon u s-soft areas. Żied jgħid li l-Bord ta' Evalwaturi lestew l-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet fejn ippreparaw ir-rapport tagħhom. Irriżulta li kien hemm tlett kuntratturi li tefgħu l-offerta tagħhom.

Il-Kunsill unanimament qabel mar-rapport u ntalab sabiex nipproċedu għall-*award tat-tender* wara li jkun ġie eżawrit it-terminu tal-appell u jingħata lill-kuntrattur li offra l-irħas offerta.

Fis-2.00pm, is-Sur Vincent Bongailas inagħqad għal-laqgħa tal-Kunsill.

**<u>Kommunikazzjoni mis-Sindku</u>**

**4.24.4 Tisbiħ mill-Ġdid tal-Pjazza Sagra Familja**

4.24.4.1 Il-Kunsill beda jfassal pjan dwar it-tisbiħ tal-Pjazza ta' Sagra Familja. Il-Perit Micallef spjegat li dan il-proġett ta' tisbiħ jrid jitqassam fuq żewġ fażijiet. L-ewwel fażi tikkonsisti fi tħammil tal-Pjazza bl-għan li jintrebaħ aktar spazju taħt il-Pjazza. Filfrattemp, is-Sa Micallef ser tiċċekja jekk dan ix-xogħol jista' jsir mill-fondi ta' €75,000, allokati mill-Public Works taħt il-kappa ta' proġett infrastrutturali. F'każ li dawn il-fond ma jistgħux jintużaw għal dan il-proġett, il-Kunsill ser jutilizzahom f'proġetti oħra.

It-tieni fażi tinvolvi pavimentar ġdid, dawl, bankijiet u bins ġodda u flimkien ma' *landscaping* adegwat ma' din il-Pjazza.

Is-Sa Micallef fakkret li s-sottomissjoni tal-*Bill of Quantities* (BOQ) irid jiġi sottomess sal-aħħar t'Ottubru biex il-Kunsill ikun jista' jibbenefika mill-ammont allokat tal-Public Works.

Is-Sindku qal li x-xogħolijiet infrastrutturali ta' din il-pjazza ser jinqabeż sew l-ammont ta' €75,000 u għalhekk żgur mhux ser ikun biżżejjed biex isir it-tħammir u għalhekk l-ewwel fażi ma ssir u ssir biss it-tieni fażi kif indikat hawn fuq.

Is-Sur Bongailas qal li f'każ li l-fondi allokati tal-Public Works ma jkunux jistgħu jintużaw għall-proġett ta' Pjazza Sagra, il-Kunsill jesplora l-possibilita` li jutilizzahom biex isir d-*dog park,* proġett li kien issemma' fil-laqgħat preċedenti.

Is-Sa Micallef informat lill-Kunsill li bħalissa qegħda tikkorrespondi mal-Awtorita` tal-Artijiet sabiex tiġi ddentifikata art pubblika ġewwa l-Kalkara bl-iskop li tkun tista' tiġi żviluppata *dog park.*

4.24.4.2 **Tindif tal-Ispralli madwar ix-Xatt u fil-Misraħ Arċisqof Gonzi**

Il-Kunsill kien proattiv fit-tindif tal-ispralli ġewwa l-Kalkara li kien sar madwar 3 ġimgħat qabel l-ewwel xita b'mod partikolari x-xatt u l-Misraħ Arċisqof. Ġara illi mal-ewwel xita, il-Xatt quddiem il-bandli u ħdejn il-Monument tal-Papa beda jżomm ħafna ilma tax-xita li kien skula wara ftit minuti.

Wara l-ewwel xita, il-Kunsill innota illi meta nfetħu dawn l-ispralli nstab li kien għad fadal tajn u ħama ġo fihom. Għalhekk il-Kunsill flimkien mal-GHRC għamilu ħilithom sabiex l-ispralli jitnaddfu sew tant li nġieb bowzer ħalli jitnaddfu l-kannen li jagħtu għall-baħar bil-pressa tal-ilma. Il-Kunsill

irringrazzja lill-GHRC tal-kollaborazzjoni tagħhom biex ix-xogħol ta' tnidif tal-ispralli seta' jsir b'aktar effiċjenza.

**4.24.5 Korrispondenza**

Ma kienx hemm.

**4.24.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

4.24.6.1 Is-Sa Speranza Chircop

Is-Sa Chircop attendiet laqgħa in konnessjoni mal-European Mobility Week.

Matul il-laqgħa tressaq suġġeriment sabiex il-Kunsilli ta' kull Reġjun jingħaqdu flimkien u jibdew joffri s-servizz tat-trasport lir-residenti magħruf bħala 'circular economy' bl-użu tal-vannijiet tal-Kunsilli.

Is-Sa Chircop semmiet li hemm bżonn isir survey mar-residenti ħalli jiġi ddentifkat in-numru ta' persuni interessati jużaw is-servizz tat-trasport bil-baħar.

4.24.6.2 Il-Sa Chricop infurmat lill-Kunsill li minn nhar il-Ħamis li ġej ser jerġgħu jibdew l-attivitajiet tal-Active Aging.

4.24.6.3 Matul ix-xahar ta' Settembru 2024 saret l-l-iSport Day Nazzjonali li fiha ħadu sehem anzjani Kalkarizi. Is-Sa Chircop ferħet bil-parteċipazzjoni Kalkariża li għal din l-attivita`, il-Kalkara kklasiffikat it-tielet post.

4.24.6.4 Is-Sa Chircop beħsiebha torġanizza ħarġa kulturali fir-riserva naturali li tinsab l-Għadira.

4.24.6.5 Is-Sa Chircop tkellmet mal-Perit Odette Lewis u l-Perit Therese Bajjada dwar xi progetti li jirrelataw mat-trasport u li fihom jista' jibbenefika l-Kunsill tal-Kalkara.

Is-Sa Maria Sultana

4.24.6.6 Is-Sa Sultana flimkien mas-Sindku iltaqgħu mal-Kap tal-iskola tal-Primarja, Kalkara fejn ġew diskussi suġġetti ta' kif jistgħu jiġu organizzati attivitajiet b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Ġiet ukoll evalwata l-ħidma tal-iSchool Grannies tas-sena skolastika preċedenti.

Vincent Bongailas

4.24.6.7 Is-Sur Bongailas semma' li huwa beda bit-tħejjija għall-attivitajiet sportivi li ser isiru fil-Kumpless Sportiv u li fihom jistgħu jattendu Kalkariżi.

Is-Sur Bonagailas kellu laqgħa mal-Ministru tal-Edukazzjoni, Sports, l-Onor Clifton Grima fejn ġie diskuss il-possibilita ta' *outdoor gym.*

Is-Sur Bongailas informa l-Kunsill li fit-28 ta' Settembru u l-5 t' Ottubru 2024 ser isiru sessjonijiet b'tagħrif lill-parteċipanti fuq kif timtela' Cirriculum Vitae (CV) u informazzjoni oħra utli.

Nadine Micallef

4.24.6.8 Wara l-Kunsill issottometta l-oġġezzjoni tiegħu għall-iżvilupp u tibdil fiż-*zoning* permezz tal-applikazzjoni numru PC00070/22, il-Perit Micallef flimkien mas-Sindku organizzaw laqgħa għar-residenti Kalkariżi u għal min għandu nteress fejn ġie provdew informazzjoni dwar dan il-permess.

Il-laqgħa nformattiva organizzata mill-Kunsill intlaqgħat tajjeb. Dawk li attendew wrew interess li kienu ser joġġezzjonaw għal dan il-permess.

4.24.6.9 Il-Perit Micallef qed tfassal tabella b'informazzjoni utli dwar il-Kalkara li hemm il-ħsieb li tiġi mwaħħla fl-entratura prinċipali tal-Kalkara. Din it-tabella ser isservi bħala *tourist information* u li ser tiġi kkummisjonata minn kumpanija lokali.

4.24.6.10 Dwar il-fondi allokati mill-Public Works, il-Perit Micallef qalet li diġa tkellmet dwarhom matul din il-laqgħa.

4.24.6.11 Il-Perit Micallef informat lill-Kunsill illi meta ser isir it-tberik tal-annimali fil-Knisja Parrokjali, hija ser torġanizza attivita' għal din l-okkazzjoni.

4.24.6.12 Dwar il-proġett ta' Villa Portelli, il-Perit Micallef tkellmet ma' periti li jispeċjalizzaw fir-restawr sabiex jibda l-proċess tal-BOQ ħalli l-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jagħraf l-ispejjeż involuti u jibda jaħdem sabiex jottjeni l-fondi.

**4.24.7 <u>Punti Ġenerali</u>**

Ma kienx hemm.

**4.24.8 <u>Mistoqsijiet lis-Sindku</u>**

4.24.8.1 Is-Sa Sultana rrimarkat li sar xogħol li sar mill-ħaddiema tal-Kunsill Lokali ic-cint tal-iskola. Għalhekk hija qed tista' x' spejjeż kienu nvoluti biex sar dan ic-cint.

4.24.8.2 Is-Sindku ġie mitlub sabiex fejn hemm iċ-ċumnija fi Triq Joseph Calleja, jistgħu jiġu miżbura s-siġar li l-friegħi tagħhom qed jagħtu lejn din it-triq.

4.24.8.3 Is-Sindku ġie mitlub jindaga dwar il-ġmied li hemm mal-ħajt tas-service room fil-Misraħ Arċisqof Gonzi.

**4.24.9 <u>Mozzjonijiet</u>**

Ma kienx hemm.

**4.24.10** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda tal-ħlas kienet intbagħtet permezz tal-imejl lil kull Kunsillier din il-ġimgħa biex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jivverifika qabel japprova l-istess pagamenti.

Fuq proposta tas-Sur Vicent Bonagailas ssekondata mis-Sa Nadine Micallef, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti nkluż l-iskeda tal-pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**4.24.11** **Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

Is-seduta ntemmet fis-7.05pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 22 ta' Ottubru 2024, fil-5.00pm. Il-kumplament tal-Kunsill qabel unamimament.

Konfermati, illum 22 t' Ottubru 2024

**Wayne Aquilina**
**Sindku**

**Etienne Scicluna**
**Segretarju Eżekuttiv**